MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 1774/2004/1

**Express Trailers Limited**

**vs**

**HH Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Settembru 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u disa' liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1,409.50) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta kif jidher mir-rendikont immarkat bhala Dokument 'A' u datat 13 ta' Lulju 2004

liema bilanc huwa dovut stante li s-socjeta' attrici tat servizz lis-socjeta' konvenuta meta fuq inkarigu tal-sitess socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici hadet hsieb il-garr u. jew garret merkanzija mill-Isvozzera ghal Malta, liema merkanzija ingarret kemm bil-bahar u b'modijiet ohra kif ser jigi spjegat ahjar fil-mori tal-kawza, liema bilanc is-socjeta' konvenuta naqset milli thallas minkejja l-ittra ufficjali (Dok. B) u ittri ohra bonarji mibghuta lilha mis-socjeta' attrici u mill-avukat taghha (Dok. E).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talba attrici hija preskritta skond l-Artikolu 544(e) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13).

2. Illi t-albiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta mill-provi.

3. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici ngunta in subizzjoni.

Sema' x-hieda ta' Charles Arapa, Vittorio Bruno u Johann Vella. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra n-nota ta' referenzi prezentata mis-socjeta' attrici.

Ra n-nota risponsiva prezentata mis-socjeta' konvenuta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda talba ghall-hlas ta’ servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta u konsistenti f’garr ta’ merkanzija. Is-socjeta’ konvenuta permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 544(e) tal-Kap. 13 liema Artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet ghsll-garr ta merkanzija huma preskritti fi zmien sena mid-data tal-wasla tal-bastiment.

Mill-provi rrizulta li l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta fil-21 ta’ Frar 2003. Il-kawza odjerna giet intavolata fis-17 ta’ Settembru 2004 u ghalhekk oltre l-perijodu ta’ sena msemmi fl-Arrtikolu 544(e) sureferit. Is-socjeta’ attrici izda tikkontendi lli dan il-perijodu ta’ preskrizzjoni gie nterrott permezz tal-pagament akkont li sar fil-15 ta’ Jannar 2004. Is-socjeta’ konvenuta min-vaha l-ohra ssostni li l-perijodu ta’ preskrizzjoni stabbilit fl-artiolu 544(e) tal-Kap. 13 huwa perijodu ta’ dekadenza u mhux preskrizzjoni u kwindi ma jistghax jigi nterrott.

L-artikolu 541 tal-Kodici tal-Kummerc fil-fatt jghid hekk:-

*“Iz-zminijiet kollha stabbiliti bid-disposizzjoni ta’ dan il-Kodici ghall-ezercizzju tal-azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali huma perentorji; u l-beneficcju tar-restitutio in integrum bis-sahha ta’ titolu, motiv jew privilegg li jkun, ma jghoddx”*

Ma hemm ebda dubbju li s-servizz li tieghu is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas permezz tal-kawza odjerna jikkonsisti f’att kummercjali u li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik imsemmija fl-Artikolu 544(e) tal-Kap. 13. Fil-fehma tat-Tribunal l-Artikolu 541 tal-Kap, 13 ma jhalli ebda dubbju dwar il-fatt li l-perijodi jew zminijiet stabbiliti fl-imsemmi Kap. 13 huma perentorji. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghal sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti civili tat-2 ta’ Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **‘Anthony Sammut vs Joseph u Grace Peters’** fejn il-Qorti ghamlet esposizzjoni cara hafna tad-distinzjoni bejn perijodi ta’ preskrizzjoni u perijodi ta’ dekadenza u fejn gie stabbilit li l-Artikolu 541 tal-Kap. 13 ma jhalli ebda dubbju li l-legislatur ried li z-zminijiet kollha stipulati fil-Kodici tal-Kummerc ikunu perentorji. Fl-imsemmija sentenza ssir

ukoll referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tas-7 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet **<u>'Joseph Petroni nomine vs Joseph Zahra'</u>** fejn gie osservat is-segwenti:-

"Ghalhekk, ghalkemm il-Kodici Kummercjali, fl-Artikoli ta' wara l-art. 633 (541) isemmi 'preskrizzjoni' din, minhabba l-art. 633 (541) titiqes preskrizzjoni perentorja li ma tistax tkun hlief dekadenza, altrimenti kif oservat anki l-ewwel Qorti, l-art. 633(541) jsir ghal kollox inutili, u interpretazzjoni li twassal ghas-superfluwita' ghandha tigi evitata".

Mill-fuq espost it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta hija gustifikata billi l-azzjoni attrici hija perenta stante d-dekors taz-zmien utili ghall-prezetnata tal-azzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement jichad it-talbiet attrici.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' attrici."

Kontra din is-sentenza s-socjeta` attrici appellat b' diversi aggravji, sostanzjalment ta' indoli legali. Sintetikament, hi tissottometti li:-

(1) It-Tribunal ma kellux japplika ghall-kaz it-terminu estintiv ta' l-azzjoni a norma ta' l-Artikolu 544 (e) tal-Kodici tal-Kummerc;

(2) Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti hi regolata mis-CMR Convention u d-disposizzjonijiet rilevanti taghha;

(3) In kwantu si tratta ta' "*combined transport*", in materja ta' preskrizzjoni, il-materja kienet se mai regolata skond il-Kodici Civili;

(4) F’ kull kaz, il-perijodu kontemplat fl-Artikolu 544, Kapitolu 13 ma huwiex wiehed ta’ dekadenza;

Is-socjeta` konvenuta wiegbet *seriatim* ghall-ilmenti riprodotti *supra* u dawk l-ohrajn minuri li gew avvanzati. Wara li ghamlet dan ghaddiet imbaghad biex ghall-ewwel darba tinvoka wkoll b’ difiza d-dispost tas-subinciz (a) ta’ l-Artikolu 544 tal-Kapitolu 13;

Rispettozament, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tinvolvi ruhha fl-applikabilita`, o meno, tas-CMR Convention billi, kif sew ritenut mis-socjeta` appellata, dan it-trattat kien mahsub biex jirregola l-kuntratt ghall-garr internazzjonali tal-merce “*by road*”, b’ mod partikulari “*with respect to the documents used for such carriage and to the carrier’s liability*”. Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq l-iskop ta’ l-imsemmija Konvenzjoni ghandha tigi konsultata l-opra omonima ta’ **Hill & Messent** (“**CMR: Contracts for the International Carriage of Goods by Road**”);

Fil-kaz taht skrutinju l-vertenza tikkoncerna talba ghall-hlas ta’ somma rapprezentanti nol ghall-garr ta’ merkanzija flimkien ma’ rifuzjoni ta’ spejjez korrelatati, konsistenti f’ *charges* li thallsu mis-socjeta` attrici f’ Malta u bnadijiet ohra fl-esteru. Zgur li ghall-materja bhal din ma ticcentrax il-Konvenzjoni. Il-veru kwezit involut huwa jekk ghall-kaz, b’ din it-talba, ghandhiex tercievi akkoljiment id-difiza bazata fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 544 (e) tal-Kapitolu 13;

Dan l-artikolu jipprovdi li “kull azzjoni ghall-kunsinna ta’ merkanzija” taqa’ bi preskrizzjoni “wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment”. Is-socjeta` appellanti tikkontendi, korrettement fil-fehma ta’ din il-Qorti, illi ghall-fattispeci din id-disposizzjoni ma tapplikax. Ma hijiex guridikament korretta, imbaghad, fejn, in tema, arguwit illi t-terminu hemm prevvist huwa wiehed ta’ preskrizzjoni, u mhux ukoll ta’ dekadenza. Huwa l-kaz li din il-Qorti

tamplifika, b' rikors ghall-insenjament dottrinali u gurisprudenzjali li jghoddu, fuq dawn l-aspetti lilha sottomessi bl-aggravji (1) u (4) hawn fuq riportati;

Mill-kliem cari tal-precitata disposizzjoni huwa bil-wisq evidenti illi l-preskrizzjoni tas-sena fiha kontemplata ghandha abbinament dirett mal-"kunsinna tal-merkanzija". Dan fis-sens illi r-ricevitur li jillanja li ma rceviex il-merce, kollha jew in parte, hu moghti t-terminu, fid-disposizzjoni preskritt, ghall-proponiment ta' l-azzjoni. Dan anke fil-kaz li tali azzjoni tkun wahda ghar-rizarciment ta' danni minhabba nuqqas ta' konsenja;

A propozitu, gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet "**Administrative Secretary tal-Gvern -vs- Edward G. Gatt *nomine et***", Appell, sede Inferjuri, 27 ta' Novembru 1972, illi "l-eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 636 (e) [fil-prezenti Artikolu 544(e)] tal-Kodici tal-Kummerc kellha tigi milqugha u dan ukoll ghal din ir-raguni, li, kif qalet din il-Qorti, fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIII P I p 359**: '*è indubitato che tale prescrizione colpisce ancora l' azione pel risarcimento di danni per difetto di consegna perche se non puo` essere chiesta la consegna non si puo` chiedere l' indennizzo pel difetto della consegna medesima'*."

F' dan l-istess sens hi d-decizjoni riportata a **Vol. XXXII P III p 557**;

Il-kaz hawn ezaminat ma jitrattax minn ebda talba simili ghal dik rikjesta fis-sentenzi appena rilevati imma semplicement ghall-hlas tat-trasport ta' merkanzija li l-kunsinna taghha giet effettwata regolarment u ghaddiet fil-pussess tas-socjeta` konvenuta appellata;

Premessa din il-konsiderazzjoni, u akkolt ghalhekk l-ewwel aggravju, strettament din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha biex tezamina jekk it-terminu statwit

mil-ligi huwiex wiehed ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza. Ser taghmel dan l-ezercizzju in vista tal-fatt li f' din is-sede s-socjeta` appellata ssollevat ulterjorment b' difiza d-dipost ta' l-Artikolu 544 (a), li wkoll jikkontempla t-terminu ta' sena "wara li jispicca l-vjagg" fil-kaz ta' "kull azzjoni ghall-hlas ta' nol";

Hawn ukoll jehtieg li jsir rikjam ghat-taghlim dottrinali u tal-kazistika lokali u estera. Jibda biex jigi registrat dak affermat mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, fid-decizjoni a **Vol. XXIV P I p 276**:-

"*Secondo i principii di diritto, quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine anziche` di prescrizione, è termine di decadenza nel senso che decorso quel termine, quell' atto non sarebbe piu` ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo fra termine di prescrizione e termine di decadenza in cio che se la disposizione che assegna un termine per l' esperimento di un diritto non dica espressamento che si tratti di presrizione o non abbia i caratteri di questa si tratterà di una decadenza*";

Issa huwa veru fil-kaz taht konsiderazzjoni li l-Artikolu 544 jispecifika fil-kliem introdottivi tieghu illi l-azzjonijiet hemm elenkati jaqghu "bil-preskrizzjoni". B' danakollu, permezz ta' disposizzjoni anterjuri, hi l-istess ligi li tippreciza li "iz-zmenijiet kollha stabbiliti b' disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali huma perentorji" (Artikolu 541, Kapitolu 13);

Naturalment, fil-hsieb tal-Qorti, jokkorri mhux biss li jsir riferiment ghad-definizzjoni espressa fil-ligi, izda ghall-finalita` li hu ntiz li jintlahaq. Hekk mentri fil-kaz ta' preskrizzjoni ghandek, fuq il-presunzjoni stabbilita mil-ligi, l-abbandun tad-dritt ta' azzjoni minhabba l-inerzja, fil-kors taz-zmien prefiss, ghall-prosegwiment tad-dritt, fid-

dekadenza, in-necessita` objettiva tiddetta li wiehed jaghmel certi atti f' terminu fiss;

Jinsab ritenut mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** (**15 ta' Settembru 1995, n. 9764**) illi "*per affermare la natura decadenziale di un termine, previsto dalla legge o da un negozio, non è necessario che sia espressamente prevista la decadenza, essendo sufficiente che, in modo chiaro ed univoco, con riferimento allo scopo perseguito e alla funzione che il termine è destinato ad assolvere, risulti anche implicitamente, che dalla mancata osservanza derivi la perdita del diritto*";

Fermi dawn ir-riflessjonijiet, ma jidherx li s-sentenzi a **Vol. XXIII P I p 359** u **Vol. XXXVIII P III p 678**, citati mis-socjeta` appellanti, affrontaw kif jixraq il-kwestjoni jekk hawn jitrattax minn preskrizzjoni jew dekadenza, u dan bil-kontra ta' dak li ghamlet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza "**Joseph Gasan *nomine* -vs- Derek J. Scanlon *nomine***" (**Vol. XXXII P III p 555**) li, riferibilment ghas-subinciz (a) ta' l-Artikolu 544, ghal liema proprju f' dan l-istadju tirreferi wkoll is-socjeta` appellata, irreteniet li "dak it-terminu huwa perentorju, minghajr ma jista' jkun hemm ebda restituzzjoni *in integrum* ghall-ebda raguni. Ghaldaqstant l-ittra ufficcjali ma waqqfetx it-terminu, li huwa terminu ta' dekadenza";

Din it-tematika giet ulterjorment approfondita mill-Qorti ta' l-Appell, sede Inferjuri, presjeduta mill-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fil-kawza, trattasi minn azzjoni kambjarja taht l-Artikolu 542, Kodici tal-Kummerc u fejn sar ukoll riferiment ghas-sentenza appena citata a **Vol. XXXII P III p 555**:-

"… f' dik citata fis-sentenza appellata hemm interpretazzjoni diretta ta' l-Artikolu 633 (illum, Artikolu 541) tal-Kodici Kummercjali fis-sens li l-kelma 'perentorju' tikkonnota perijodu ta' dekadenza. U anke din il-Qorti hekk tahseb, in konkluzjoni, tenut kont tal-kuntest tal-ligi u

ta' l-ispirtu ta' speditezza tal-kummerc, kif rifless fid-disposizzjonijiet tal-Kodici relattiv, kif ukoll mill-fatt li l-perijodi ta' preskrizzjoni stabbiliti f' dan il-Kodici sahansitra jiddekorru kontra l-minuri u l-interdetti (Artikolu 638, fil-prezent Artikolu 546). Ghalhekk, ghalkemm il-Kodici Kummercjali, fl-artikolu ta' wara l-Artikolu 633 jsemmi 'preskrizzjoni', din, minhabba l-Artikolu 633, titqies preskrizzjoni perentorja, li ma tistax tkun hlief dekadenza, altrimenti, kif osservat anke l-ewwel Qorti, l-Artikolu 633 issir ghal kollox inutili, u l-interpretazzjoni li twassal ghas-superfluwita` ghandha tigi evitata. S' intendi dan japplika biss ghal perijodu stabbiliti f' dan il-kodici u mhux ghall-azzjonijiet ohra kontra kummercjanti li jitnisslu minn ligijiet ohra bhal Kodici Civili." ("**Joseph Petroni *nomine* -vs- Joseph Zahra**", 7 ta' Dicembru 1977);

Determinat dan il-punt, jirrizulta li s-somma reklamata mis-socjeta` attrici appellanti tikkonsisti minn nol u spejjez ohra ta' servizzi rezi. Ara ittra ufficcjali datata 20 ta' Lulju 2004 (fol. 3) esebita flimkien ma' l-avviz. Il-fattura, imbaghad, esebita a fol. 59 tissuddividi s-somma totali originarja billi taghmilha tikkonsisti f' tant ghall-*freight* (Lm2550) u tant ghal *landing/loading charges* (Lm250). Haga naturali, *qua freight-forwarder*, is-socjeta` appellanti hija f' qaghda legali partikulari, fis-sens li di fronte ghall-ispedizzjonier jew id-destinarju tal-merce hi konsiderata bhala trasportatur, u allura ghandha dritt tirreklama hlas ta' nol. Nol dan li anke fi zmenijiet remoti kien definit bhala "*il salario o mercede che si paga, o si promette di pagare pel trasporto di merci o passeggeri da un luogo ad un altro*" (**Azuni "Dizionario Universale Ragionato della Giurisprudenza Mercantile**", Tomo Terzo, 1788);

Trasportat dak li nghad aktar 'il fuq ghall-kaz prezenti, huwa accertat fuq il-bazi tad-dokumenti u atti attendibbli illi l-vjagg li fih ingieb it-*trailer* bil-merkanzija ntemm f' Malta fl-10 ta' Frar 2003. Ara l-*invoice* surreferita a fol. 59 u xhieda ta' Charles Arapa (fol. 47). L-azzjoni, pero`, reklamanti l-hlas tal-bilanc saret biss fis-17 ta' Settembru 2004. Li jfisser allura aktar mis-sena li jippreciza l-Artikolu

544 (a), Kapitolu 13 ghall-hlas tan-nol. Dispost dan, li japplika anke f’ dan il-kaz, anke ghaliex mill-atti ma jirrizultax li si tratta ta’ “*combined transport*”, li ssemmi s-socjeta` appellanti fil-korp tar-rikors ta’ l-appell taghha. In kwantu terminu perentorju l-azzjoni, sa fejn jikkoncerna n-nol ma tistax tregi. Mhux l-istess jista’ jinghad pero` fil-kaz tac-*charges* l-ohra li l-hlas dwarhom hu wkoll pretiz billi ghal dawn ma japplikax it-terminu dekadenzjali ta’ l-artikolu suddett;

Billi kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Charles Arapa fadal bilanc dovut ta’ elf u tliet mitt lira (Lm1300) (u mhux allura s-somma indikata fl-avviz), u billi l-ammont totali huwa elfejn u tmien mitt lira (Lm2800) li minnhom dejjem skond l-imsemmi xhud, is-socjeta` konvenuta kienet gja hallset elf u hames mitt lira (Lm1500), jigi li l-percetagg korrispondenti ghal *loading/landing charges* huwa ta’ sitta u erbghin punt erbgha (46.4%) tas-somma ta’ mitejn u hamsin lira (Lm250). Dan igib li l-ammont effettiv li s-socjeta` appellanti hi ntitolata ghalih huwa ta’ mija u sittax-il lira (Lm116).

Ghal dawn il-motivi filwaqt li l-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri tal-perentorjeta ta’ l-azzjoni a norma ta’ l-Artikolu 544 (a) tal-Kodici tal-Kummerc fejn din tirrigwarda l-pretensjoni ghall-hlas tan-nol reklamat mis-socjeta` attrici appellanti, tichad l-aggravji kif lilha devoluti b’ dan li, b’ applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta’ l-Att V ta’ l-1995, tilqa’ t-talba attrici limitatament fl-ammont ta’ mija u sittax-il lira Maltija (Lm116) ghar-ragunijiet dedotti. Tikkundanna ghalhekk lis-socjeta` konvenuta appellata thallas din is-somma lis-socjeta` appellanti, bl-interessi kif mitluba. In vista li l-eccezzjoni moghtija u akkolta tqajment biss fl-istadju ta’ l-appell, huwa gust u xieraq li l-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` appellata. Dawk tat-Tribunal jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------